# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 166/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Vincent Xuereb**
**Noel Vella**

Illum 20 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Vincent Xuereb** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 8074(G) u **Noel Vella** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 1682(G) akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fis-17 ta' Frar 2013, wara intervent u tfittxija li saret mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta fuq il-bastiment bl-isem *Sea Lioness – MFB 1775* ħmistax-il mil nawtiku 'l barra miċ-

Ċirkewwa, instab li f'dik il-ġurnata, it-tnejn flimkien, bil-kompliċita' u l-ko-operazzjoni ta' xulxin, kontra l-liġi, xjentement ittentaw jimportaw jew idaħħlu f'dawn il-Gżejjer sigaretti bla dazju fi kwantita' kif deskritt hawn taħt u dan billi bil-qerq jinħarbu jew jiġi ttentat li jinħarbu d-Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-dwana dwar is-sigaretti:

37 Kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna *Business Royals,*
Kaxxa, b'46 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna *Business Royals,*
Kaxxa, b'47 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna, *Business Royals,*
7 kartuniet, b'200 sigarett kull kartuna *Business Royals;*

2. fl-istess data, post u ċirkostanzi, instab li, xjentement, kellhom fil-pussess u taħt il-kontroll tagħhom, kif ukoll laqgħu għandhom, żammew jew kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depot ta' dawn l-imsemmijin sigaretti.

   Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati għandhom valur totali ta' €11,310.00, Dazju tas-Sisa dovut ta' €51,480.00, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €6,514.56 u €12,474.82 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati;

<u>Noel Vella ġie akkużat waħdu wkoll talli</u>:

3. sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tkun mibdula, *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan bi ksur tal-artikoli:

i) 60(b) (h)(k), 62(a) (f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2), paragrafu (a) tal-proviso ta' Artikolu 62 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kapitolu 37);

ii) kif ukoll Artikoli 16(1)(j) u 17(1)(a)(d), 17(2) tal-Kapitolu 382;

iii) Artikolu 80 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) (Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta).

Is-sigaretti u l-bastiment fuq imsemmija ġew maqbuda mid-Dwana bin-Noti ta' Qbid: 16/2013 u 17/2013 respettivament.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti *ai termini* ta' Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-21 ta' Marzu 2018 li biha l-Qorti wara li rat Artikoli 60(b)(ċ)(h)(k), Artikoli 62(a)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2) u paragrafu (a) tal-proviso ta' Artikolu 62 ta' Kapitolu 37, Artikoli 16(1)(j) u 17(1)(a)(d), 17(2) ta' Kapitolu 382 u Artikolu 80 ta' l-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Liġijiet ta' Malta u bi ksur tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII ta' l-1998) u Artikoli 49, 50, 344 u 533 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputati ħatja talli kellhom fil-pussess tagħhom numru konsiderevoli ta' sigaretti fejn id-dazju u VAT ma tħallasx fuqhom u għalhekk ikkundannathom <u>kull wieħed</u> multa ta' mija u tlieta u sebgħin elf, disa' mija u tlieta u tmenin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€173,983.68). Oltre dan ikkundannathom għal piena karċerarja ta' tmintax (18)-il xahar sospiżi għal sentejn u lliberat lil Noel Vella mill-imputazzjoni l-oħra tar-reċidiva stante li din ma ġietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti ordnat il-konfiska tas-sigaretti kollha eżebiti fl-atti kif indikati fis-*Seizure Note* 16/2013 (Dok. "JB 3" – *a fol.* 21) u tad-dgħajsa *Sea Lioness* eżibita formalment fl-atti hekk kif rappreżentata u sostitwita bil-garanzija bankarja ta' tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) mmarkata bħala Dok. "JB 5". L-Ewwel Qorti ordnat li terz minn dak l-

ammont li ġew ikkundannati Vincent Xuereb u Noel Vella bħala multa skont Kapitolu 37, u ċioè mis-somma ta' mija u tlieta u sebgħin elf, disa' mija u tlieta u tmenin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€173,983.68) kull wieħed, għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana u għalhekk is-somma ta' sebgħa u ħamsin elf, disa' mija u erbgħa u disgħin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€57,994.56) kull wieħed huwa dejn ċivili dovut lid-Dipartiment tad-Dwana. Finalment, l-Ewwel Qorti ordnat notifika tas-sentenza lid-Direttur tal-Qorti biex jieħu ħsieb il-ġbir tal-multa u f'każ li l-multa ma titħallasx din għandha tiġi konvertita f'piena ta' priġunerija *ai termini* ta' Artikolu 11 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fis-6 ta' April 2018 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex, fir-rigward tas-sentenza tal-Ewwel Qorti: *"1. tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant Noel Vella mill-akkuża tar-reċidiva; 2. tħassarha in kwantu sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tagħhom u tiddikjarahom mhux ħatja tagħhom; 3. mingħajr preġudizzju għas-suespost, u b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-ħtija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li l-appell jiġi mismugħ minn din il-Qorti kif preseduta u dana minkejja li l-

Imħallef sedenti kien il-Maġistrat li beda jisma l-kawża li eventwalment ma ġietx deċiża minnu. Fl-istess seduta l-konsulenti legali ddikjaraw ukoll li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi, fid-dawl ta' dak verbalizzat fl-imsemmija seduta, il-Qorti ħadet konjizzjoni tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Borg et** (Numru 312/2018) mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Jannar 2019.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tagħhom, in suċċint l-appellanti jressqu s-segwenti aggravji:

- L-<u>ewwel aggravju</u> huwa li l-istqarrijiet li tteħdulhom huma provi inammissibbli *ai fini* ta' Artikoli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għaliex meta ttieħdu dawk l-istqarrijiet ma kellhomx konsulent legali tagħhom preżenti fiżikament matul it-teħid tal-imsemmija stqarrijiet.

- It-<u>tieni aggravju</u> huwa dwar l-obbligi fiskali u doganali. Dan l-aggravju jinqasam fis-segwenti:

  - <u>Dwar l-obbligi fiskali u doganali ġewwa ż-żona kontigwa</u>: Jargumentaw li l-lanċa tagħhom twaqqfet ħmistax-il mil nawtiku 'l barra miċ-Ċirkewwa u li vapur *Sea Lioness* kien 'il barra mit-12-il mil nawtiku tal-baħar territorjali iżda 'l ġewwa mill-24 mil u għalhekk fil-*contiguous zone*. Jisħqu li r-regoli tad-dwana japplikaw mal-mument li l-lanċa tidħol fl-ibħra territorjali Maltin.

  - <u>Dwar l-intenzjoni li ma jidħlux ġewwa l-ibħra territorjali Maltin</u>: Jissottomettu li l-Ewwel Qorti għamlet konklużjonijiet hi dwar l-intenzjoni li kellhom għaliex il-Prosekuzzjoni naqset li ttella' prova ta' kemm kien hemm

*fuel*. Jgħid li l-Ewwel Qorti ħadet deċiżjoni li tmur kontra l-prinċipju *in dubio pro reo*.

- Dwar il-kunċett ta' inferenzi: Jargumentaw li l-inferenza li għamlet l-Ewwel Qorti meta qalet li l-ebda wieħed ma semma l-fatt li kienu *in transit* waqt li kienu qed isiru l-istqarrijiet tmur kontra dak li jgħid Artikolu 355AUA(7) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

• It-tielet aggravju huwa dwar il-merkanzija abbord is-*Sea Lioness*. Jisħqu li l-Prosekuzzjoni akkużathom b'kuntrabandu ta' sigaretti u li fid-dawl tal-prinċipju *onus probandi incubit ei qui dicit* l-iktar ħaġa essenzjali li kellha tipprova l-Prosekuzzjoni kien il-kontenut tal-merkanzija li allegatament kienu sejrin jiddaħħlu ġewwa Malta mingħajr ma jitħallsu t-taxxi u d-dazji relattivi, kontenut li kellu jiġi ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

• Ir-raba' aggravju huwa dwar il-parteċipazzjoni tal-appellant Noel Vella. Hawnhekk issir riferenza għal Professur Mamo li fin-Noti tiegħu jgħallem li l-elementi li jsawwru r-responsabilita' kriminali qegħdin miġburin fil-prinċipju legali *actus non facit reum nisi mens sit rea*. Jisħqu li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni riedet tipprova li kien hemm xi ftehim pre-ordinat bejn Xuereb u Vella u li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova li kien hemm *common design*.

• Il-ħames aggravju huwa dwar il-multa imposta fuqhom. Dan l-aggravju jinqasam fis-segwenti:

- Dwar il-kalkolu tal-istess multa: Ma jaqblux mal-mod kif ġie kalkolata l-multa.

- Il-multa mposta kellha tkun waħda kollettiva u mhux individwali: Jisħqu li *dato ma non concesso* li tali operazzjoni ta' kuntrabandu kienet sejra tagħmel gwadann assoċjazzjoni kriminali waħda, il-multa kellha tkun waħda u mposta kollettivament fuq il-membri

kollha tal-istess assoċjazzjoni. Jisħqu li d-Dipartiment tad-Dwana huwa ntitolat jirċievi terz tal-imsemmija multa u allura d-Dipartiment sejjer jirċievi l-ammont komplessiv ta' €115,989.12 u li dan jammonta għall-arrikament mhux ġustifikat u jonqos milli josserva l-prinċipju ta' proporzjonalita' kif sanċit fil-Liġi Ewropea.

- L-element ta' proporzjonalita' bejn ir-reat u l-piena nflitta: Jisħqu li m'għandhomx ikunu soġġetti għal piena ħarxa u sproporzjonata.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li fil-kumpless tagħhom l-aggravji mressqa mill-appellanti jammontaw għal apprezzament ħażin tal-provi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tinnota wkoll li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi quddiem l-Ewwel Qorti tressqu numru ta' xhieda jixhdu li l-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li huma xehdu b'dan illi din il-Qorti tinnota li l-provi jistrieħu prinċipalment – imma mhux biss – fuq dak li xehdu l-Logutenent Kurunell Andrew Mallia (*a fol.* 47 *et*

*seq.*), il-*Valuation Officer* Joe Micallef (*a fol.* 66 *et seq.*) u PS 86297 Christopher Brimmer (*a fol.* 96 *et seq.*):

- Il-Logutenet Kurnunell Andrew Mallia xehed is-segwenti: Fis-17 ta' Frar 2013 kellhom ajruplan li kien qed jagħmel patrol fin-nofs in-nhar ta' Malta għal xi 8.30 am. Il-*crew* tal-ajruplan innota lanċa tiġi avviċinata minn lanċa oħra żgħira. Il-*crew* ra dawn iż-żewġ laneċ jagħmlu xi tip ta' *transfer* tal-merkanzija kemm direttament minn lanċa għal-lanċa kif ukoll mil-lanċa għal ġol-baħar. L-affarijiet imbagħad intrefgħu minn ġol-baħar. L-ajruplan baqa' fil-post isegwi l-lanċa ż-żgħira li bdiet tipproċedi lejn Malta filwaqt li l-lanċa l-kbira bdiet tillarga mill-kosta Maltija. Huma ħarġu wieħed mill-patrols tagħhom li kienet diretta fuq il-lanċa ż-żgħira (Sea Lioness) mill-ajruplan. Telgħu abbord u staqsew lin-nies dwar xi merkanzija li possibilment kellhom abbord. Dawn qalu li ma kienu jafu b'xejn. Mill-ispezzjoni nstabu ħafna sigaretti. Il-Forzi Armati avżaw lill-Pulizija u lid-Dwana. Ix-xhud eżebixxa l-filmat meħud mill-ajruplan (Dok. "AM 1" – *a fol.* 50). Fir-rapport immarkat bħala Dok. "AM 2" (*a fol.* 51) hemm imniżżel dan li ġej: *"After the two vessels separated, the MV Golden Dawn proceeded eastwards while the smaller craft began proceeding north by northeast towards the Maltese Islands. [...] After the boarding team disembarked, PO2 immediately began a search for the objects that had been jettisoned. On commencing the search, it immediately became apparent that there were significant quantities of cigarettes aboard the suspect craft. [...] No trace of the objects (jettisoned overboard) was found."*

- PS 86297 Christopher Brimmer xehed is-segwenti: Kienu tawh struzzjonijiet biex imur jistenna sitt mili nawtiċi miċ-Ċirkewwa li kif id-dgħajsa tkun qed tavviċina t-tnax-il mil nawtiku huma setgħu jipproċedu. Jgħid li fil-11.30 tawhom il-*go-ahead* biex javviċinaw u bbordjha ħmistax-il mil nawtiku miċ-Ċirkewwa. L-informazzjoni bdiet ġejja minn ajruplan għall-OPS room u mill-OPS room għalihom. Jgħid li kienu rawhom jaħbu l-kaxxi tas-sigaretti u mill-ajruplan bdew jiġu struzzjonijiet sakemm in-nies tiegħu kienu qegħdin ifittxu

biex hu jmur fil-post allokat fejn rawhom jaħbu dawn is-sigaretti. Jgħid li sab l-istiva mimlija kaxxi tas-sigaretti u l-kaptan qal li ma kienx jaf bihom. Jgħid li fuq id-dgħajsa kien hemm xi xolfa u xi tank bin-*nylon* iżda ħut ma kien hemm xejn. Normalment ikun għad fadal xi kavjar jew il-lixka. L-istiva kienet imfawra sa fuq bil-kaxxi. Hawn semma l-ammont ta' kaxxi misjuba.

- Joe Micallef (*Valuation Officer* fid-Dwana) ħadem il-valur tas-sigaretti. Dawn jammontaw għal 1950 kartuna ta' 20 package each u l-ammont totali hu ta' 11,310. Id-dikjarazzjoni hija CIF. Total €11310.00. Meta xehed in kontro-eżami (*a fol.* 142 *et seq.*) qal li meta jistabilixxu valur, f'dan il-każ ta' sigaretti, peress li ma jkollhomx *invoice* jew dokument fuq xiex jistrieħu, jimxu fuq id-*database* tagħhom. Jgħid li jieħdu ammont ta' sigaretti lokali, għax f'dan il-każ is-sigaretti ma kinux lokali, jieħdu l-*average* tagħhom CIF, skont *invoices* li jkunu pprovdewlhom, u allura joħroġ waħdu l-valur CIF.

Illi apparti dan t'hawn fuq għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-filmat tal-operazzjoni li ma jħalli ebda dubju kif seħħew il-fatti ta' dak li ġara dakinhar. Jidhru kaxxi li jitwaddbu l-baħar mill-*Golden Dawn* u jinġabru mis-*Sea Lioness*. Jidher it-tapit jgħatti l-bokka li tagħti għall-istiva t'isfel fejn kien hemm għadd ta' kaxxi tas-sigaretti *Business Royals* li, skont uffiċjal tad-Dwana, dawn ma jidħlux Malta b'mod regolari u għalhekk huma jkollhom jieħdu *average* ta' kemm jiswew is-sigaretti tal-marki l-oħra sabiex jaslu għal valur. Dan isir sakemm ma jkollhomx *invoice* għad-dispożizzjoni tagħhom kif ma kellhomx f'dan il-każ. Mill-ajruplan kien jidher ċar li waqt li l-*Golden Dawn* kienet sejra East, is-*Sea Lioness* kienet bdiet it-triq tagħha lejn Malta. Dan joħroġ minn dak li xehed il-Logutenent Mallia kif ukoll mill-istess rapport tiegħu.

Illi meta wieħed jara l-filmat u jqis id-depożizzjonijiet mogħtija, b'mod partikolari dawk imsemmija aktar 'il fuq, speċjalment meta jifli sew kif mis-*Sea Lioness* kienu qed jinġabru l-kaxxi li twaddbu fil-baħar mill-*Golden Dawn*, il-Qorti ma tistax temmen li Xuereb ma kienx jaf bil-kaxxi jew li ma kellux x'jiddikjara.

Illi jeżistu wkoll iċ-ċirkostanzi li jindikaw li l-appellanti mhux veru kienu qegħdin jistadu u li kienu ħarġu biex jaraw fejn l-aħjar isir is-sajd. Tassew li kien hemm tank u konz imma lanqas biss kien hemm lixka. Wara kollox fuq is-*Sea Lioness* kien hemm żewġ persuni biss u huwa impossibbli li f'lanċa żgħira ma tkunx taf x'qed isir!

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa dwar l-istqarrijiet rilaxxati minnhom. Din il-Qorti m'għandha ebda kompetenza li tiddeċiedi kawżi ta' indoli kostituzzjonali jew li jaqgħu taħt il-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jgħidu espressament x'għandu jsir proċeduralment u liema Qorti għandha tisma' l-lanjanza. Kull każ għandu l-istorja tiegħu speċjalment fejn jirrigwarda deċiżjonijiet mill-Qorti Ewropea fejn din ma mxietx eżatt ma' **Salduz v. Turkey** kif sar fil-każ **Beuze v. Belgium** (Grand Chamber 9 ta' Novembru 2018). Din il-Qorti pero' ser tilqa' dan l-aggravju billi ma tqisx l-istqarrijiet tal-appellanti għal dawk li huma provi tal-Prosekuzzjoni kontra tagħhom u ser toqgħod fuq dak li xehdu l-uffiċjali u fuq il-filmat ippreżentat.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju huwa dwar l-obbligi fiskali u doganali fejn l-appellanti jissottomettu li skont Artikolu 6 ta' Kapitolu 37 l-obbligu ta' bastiment li jagħmel rapport regolari jgħodd meta l-bastiment ikun fl-ibħra territorjali Maltin u li f'dan il-każ is-*Sea Lioness* kienet fiz-zona kontigwa.

Illi m'hemmx dubju li f'dan il-każ id-dgħajsa kienet reġistrata f'Malta u għalhekk japplika Artikolu 5(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal dik li hija ġurisdizzjoni. Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 226 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa) jgħid hekk:

> "[...L]-Istat ikollu dawk il-ġurisdizzjonijiet u dawk is-setgħat kif magħrufa dwar l-istess żona mid-dritt internazzjonali u b'mod partikolari jista' jeżerċita fiha l-kontroll meħtieġ –
>
> (a) biex jevita kull ksur ta' xi liġi li għandha x'taqsam ma' dwana, ħwejjeġ fiskali, immigrazzjoni u sanita', inkluż it-tniġġiż [...]."

Illi dan l-artikolu, kif ukoll Artikolu 6(1), ma jħallu ebda dubju li l-azzjoni li ttieħdet mill-Forzi Armati kienet waħda li hija radikata sew fid-dritt u f'dan il-każ rriżulta d-direzzjoni li kienet ħadet il-lanċa *Sea Lioness*. M'hemmx dubju li din kienet sejra fid-direzzjoni lejn Malta kif joħroġ ċar mill-provi. Għalhekk il-Forzi Armati kienu fid-dmir li jinterċettaw u jeskortaw il-lanċa għax hekk titlob il-liġi.

Illi jekk id-dgħajsa *Sea Lioness* kienet interċettata ftit 'il barra mill-ibħra territorjali ma kien hemm xejn xi jżomm lill-appellanti milli jikkomunikaw mal-awtoritajiet fuq dak li kellhom fuq id-dgħajsa malli d-dgħajsa kienet qed tiġi eskortata lejn Malta. Kienu jafu li s-sigaretti ma tħallasx dazju fuqhom. Ma għamlu ebda komunikazzjoni mal-awtoritajiet wara li saret it-tfittxija (kif ukoll qabel) u meta kienu 'xjenti' ta' x'kienet qed iġġorr il-lanċa! Huwa ben magħruf li s-sigaretti jridu jgħaddu mid-dwana u kieku l-appellanti riedu jagħmlu tali dikjarazzjoni setgħu għamluha eskortati jew le. Mix-xiehda lanqas biss jirriżulta li wrew l-intenzjoni li ser jagħmlu hekk.

Illi l-appellanti kienu jafu x'tip ta' merkanzija kellhom għaliex wieħed ma jixtrix tali merkanzija minn fuq il-baħar billi jitwaddbu l-kaxxi minn fuq vapur ieħor u t-tieni ma jistax ikun li ma kinux jafu li dawk is-sigaretti ma jinbigħux f'Malta regolarment. B'hekk kien sta għalihom li jagħmlu tali dikjarazzjoni u ħadd ma kien ser iżommhom kieku riedu jagħmluha. Lanqas għandu x'jaqsam il-każ **Il-Pulizija vs. Paul Bezzina**, li kien il-kaptan ta' *Golden Dawn*, liema każ ġie msemmi fir-Rikors tal-appell. Ma jfissirx li għax l-imputat f'dak il-każ ma kienx mixli b'kuntrabandu, allura għandu

jsir l-istess f'dan il-każ. M'hemm ebda loġika għaliex iċ-ċirkosanzi mhux bilfors huma identiċi u mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tispekula fuq x'ġara f'każijiet oħra li ma jkunux instemgħu quddiemha. Il-Prosekuzzjoni setgħet kellha r-raġunijiet tagħha għala għażlet imputazzjoni u mhux oħra.

Illi l-Qorti lanqas ma qed taċċetta s-sottomissjoni tad-difiża li l-appellanti ma kinux deħlin fl-ibħra territorjali Maltin meta din l-intenzjoni toħroġ ċara mix-xiehda li ngħatat kif il-*Golden Dawn* kienet qed tallontana mill-kosta ta' Malta waqt li s-*Sea Lioness* qabdet it-triq lejn Malta. Konsegwentement, il-Qorti mhux taċċetta s-sottomissjoni li l-appellanti m'għamlux id-dikjarazzjoni meħtieġa mil-liġi għaliex il-lanċa tagħhom kienet qed tiġi eskortata miż-żona kontigwa kif ukoll is-sottomissjoni l-oħra li huma ma kellhomx l-intenzjoni li jidħlu fl-ibħra territorjali ta' Malta. Lanqas ma jfisser li għax kien hemm liberazzjoni fil-kawża **Il-Pulizija vs. Moustafa Adel Kamal Elnashshar et** għandu jsir l-istess f'din il-kawża.

Illi, dwar l-intenzjoni tal-appellanti li ma jidħlux ġewwa l-ibħra Maltin, diġa' ngħad aktar 'il fuq li din il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-appellanti. L-intenzjoni tista' tkun ippruvata mill-provi indizjarji u di fatti din il-Qorti tabbraċċja l-insenjament tas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Callus** (Numru 92/2005) li ġiet imsemmija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Hawn mhux il-każ ta' *in dubio pro reo*. Din hija konklużjoni li qed tistrieħ fuq x'qalu x-xhieda li segwew x'kien qed jiġri b'dan illi l-Qorti qed tagħmilha ċara li ma qed tagħmel ebda inferenza minn xi stqarrija li saret mill-appellanti għaliex dawn diġa' qalet li mhix qed tużhom biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha u għalhekk Artikolu 355AUA(7) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta mhux involut.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> li huwa dwar il-merkanzija abbord is-*Sea Lioness*, l-appellanti jissottomettu li biex issib definizzjoni ta' sigarett wieħed irid jaqra Artikoli 4(1) u 7(2) tad-Direttiva tal-

Kunsill 95/59 KE. Din il-Qorti ma taqbilx li ma ġiex ippruvat x'kien il-kontenut li kien hemm fuq is-*Sea Lioness*. Mhux biss hemm in-Noti ta'Qbid iżda hemm ukoll ix-xiehda tal-*Valuation Officer*. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li minkejja dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Borg et** (Numru 312/2018), li din il-Qorti ġiet mistiedna tieħu konjizzjoni tagħha mill-appellanti, din il-Qorti ma tikkondividiex il-linja ta' ħsieb imsemmi fiha fir-rigward ta' inkarigu ta' espert u tinnota li m'hemmx għalfejn jitqabbad espert biex jgħid li oġġett huwa sigarett għax m'hemmx bżonn li ssir prova ta' affarijiet li jitkellmu minnhom infushom. Għandu jingħad li espert jitqabbad meta jkun hemm bżonn xi ħadd tas-sengħa f'xi qasam partikolari li l-Qorti jkollha bżonn ħa jiġu ċċarati l-affarijiet. Mhux meħtieġ anqas li tiġi maħtura Inkjesta Maġisterjali pero' xejn ma jnaqqas li din tiġi maħtura.

Illi, b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, jekk tkun ikkunsidrata x-xiehda tal-*Valuation Officer* waħidha u r-reqqa li biha wasal għall-valutazzjoni huwa biżżejjed li dan kien jaf biżżejjed dwar xiex kellu jagħmel il-valutazzjoni. M'hemmx dubju dwar l-ammont ta' sigaretti nvoluti u ta' liema *brand* kienu. Il-Prosekuzzjoni ppruvat dan kollu 'l hemm minn kull dubju raġonevoli b'dan illi l-prova xjentifika ta' espert li qed jinsistu fuqha l-appellanti ma kienx hemm bżonnha f'dan il-każ.

**Ikkunsidrat**

Illi r-<u>raba' aggravju</u> huwa dwar il-parteċipazzjoni tal-appellant Noel Vella. Ġie sottomess li l-Prosekuzzjoni kellha d-dmir li tipprova li Vella kien jaf li allegatament ma kinux sejrin jiġu mħallsa d-dazju u t-taxxa fuq il-merkanzija li kellhom abbord, li fehem u li xtaq tali konsegwenzi. L-appellanti jirreferu għal dak li jgħid il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dwar l-intenzjoni u għaliex ma saritx prova li kien hemm *a common design*. Professur Mamo fin-Noti tiegħu "Notes on Criminal Law Part 1" jikteb hekk (*a fol.* 60):

> *"It might seem (Kenny goes on to say, p. 40) that rule thus rendering the existence of a complex mental element necessary to create this legal liability would, usually, cause the prosecutor much difficulty in obtaining evidence of it. For, to borrow the saying of a medieval judge, which Sir Frederick Pollock has made familiar to modern readers, "the thought of man is not triable, for the Devil himself knoweth not the thought of man." But this difficulty seldom arises in practice: for in most cases the law regards the criminal act itself as sufficient 'prima facie' proof of the existence of criminal intent. [...]*
>
> *In England, the settled principle in this matter is that "Every sane adult is presumed to intend the natural or necessary consequences of his wilful conduct." The law treats as intentional all consequences which the actor foresees as the probable results of his wrongful act. The known consequences of an illegal act are imputed by the law as intentional. No man who knows that certain results will flow from his illegal act will be suffered to say that he did not intend them."*

Kemm il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu kif ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha daħlu fil-fond dwar l-użu tal-kelma "xjentement" li f'dan il-każ kien iffokat f'għadd ta' sentenzi dwar nuqqas ta' ħarsien ta' Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta li ttrattaw il-kelma "xjentement". Fil-qasir din tfisser jekk dak li jkun kienx jaf li d-dazju ma tħallasx.

Illi fir-Rikors tal-appell issir riferenza għal dak li qal Vella stess fl-istqarrija tiegħu li huwa kien minn għalih li ser joħorġu *"biex jara s-sikek fejn huma biex imbagħad joħroġ jistad għal pistin"* (*a fol.* 243). Fl-appell hemm sottomissjoni wkoll li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova li kien hemm *a common design* bejn Vella u Xuereb. Dwar il-*common design*, fin-Noti tiegħu hawn fuq imsemmija l-Professur Mamo jgħid hekk (*a fol.* 125):

> *"There cannot be a 'concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act*

> *was voluntarily and knowingly committed by him applies to each of the parties to the offence. Therefore a merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of assisting the perpetration of that offencce. Thus if a man does an innocent act of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence: as when, for instance, A lends a sporting gun to B for shooting birds, but B uses the gun to shoot a man; or A, decieved by plausible pretexts, supplies in good faith a poisonous substance to B who uses the same to commit a murder."*

Illi l-Qorti tqis li meta sar l-allegat reat l-appellant Vella kien diġa' raġel matur ta' 31 sena u l-Qorti ma temminx dak li kien ikkwotat fl-appell stess li l-mawra barra minn Malta kienet biss ser isservi biex jara s-sikek fejn huma u żgur waqt li kienu qed jitwaddbu l-kaxxi tas-sigaretti għal fuq il-lanċa kien jaf sewwa x'inhu jsir minħabba l-prodott li kien qed jitwaddab. Mill-provi ma jirriżultax anqas li kien qed isir xi sajd anzi l-provi juru bil-maqlub. Ix-xjenza u l-*common design* mhux ser jirriżultaw biss minn xi dokument imma wkoll miċ-ċirkostanzi tal-każ li ma jħallu ebda dubju f'min irid jiġġudika dwar il-*mens rea*. Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti semmiet għadd ta' sentenzi dwar il-kelma "xjentement" u kkunsidrat ukoll Artikolu 77 ta' Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-prova relattiva tmiss lill-imputat.

Illi fi ftit kliem il-kelma "xjentement" dejjem ġiet interpetata jekk dak li jkun ikunx jaf tħallasx id-dazju jew le. Dan jgħodd ukoll għall-każ ta' Vella li ra l-kaxxi neżlin quddiemu u minn natura tal-oġġetti kien xjenti li ma tħallas ebda dazju fuqhom. Għal dak li huwa *common design*, Vella ma kienx sempliċement passiġġier li b'xi mod kien sorpriż b'dak li ġara. Iċ-ċirkostanzi juru mod ieħor. Dawn il-kummenti jgħoddu wkoll għall-*common design* għax kif seħħ l-akkadut kien inevitabbli li huwa kien jaf b'kollox. Il-Qorti

tikkonkludi li l-prinċipju *nemo ad impossibilia tenetur* ma japplikax għall-fatti tal-każ odjern. Il-fatt li kien Xuereb li qed imexxi d-dgħajsa bl-ebda mod ma jwassal għall-konklużjoni li Vella ma kien jaf b'xejn. Mill-provi lanqas biss jirriżulta xi sinjal ta' xi bidla fl-attitudni ta' Vella ġialadarba l-uffiċjali telgħu fuq id-dgħajsa. Vella ma kienx sempliċement passiġġier fuq id-dgħajsa jew li huwa poġġa kollox fl-istiva għax hu għamel dak li qallu Xuereb kif jingħad *a fol.* 244 tar-Rikors tal-appell!

**Ikkunsidrat**

Illi l-ħames aggravju huwa dwar il-multa mposta fuq l-appellanti. Dwar il-kalkolu tal-multa l-appellanti jgħidu li din saret fuq assunzjoni. Il-Qorti eżaminat dak li qal il-*Valuation Officer* u mix-xiehda mogħtija minnu jirriżulta li saret valutazzjoni ġusta u dana meta wieħed jikkunsidra li ma kien hemm ebda *invoice* fuq xiex seta' jimxi u ried jikkalkula l-valur ta' sigaretti li ma jidħlux Malta b'mod regolari. Huma jieħdu l-*average* ta' kemm jiswew sigaretti oħra.

Illi l-Qorti tinnota li l-multa lanqas kellha tkun waħda kollettiva għaliex hawn kull wieħed mill-appellanti kien qed ikun akkużat. Dwar il-proporzjonalita' saret riferenza għal każ deċiż fit-13 ta' Novembru 2014 mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet **Ute Reindl v. Bezirkshauptmannschaft Innsbruck** (Kawża C-443/13) u minkejja li ġiet ikkwotata silta mil-Linja Gwida tal-Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita' ta' Drittijiet Fundamentali għandu jingħad li skont Artikolu 51(1) l-iskop tagħha huwa dan:

> *"The provisions of the Charter are addressed to the institutions, bodies, offices and agencies of the Union with due regard for the principle of subsidiarity and to the Member States only when they are implementing Union Law. They shall therefore respect the rights, observe the principles and promote the application thereof in accordance with their respecitve powers."*

Minn naħa l-oħra, Artikolu 49(3) tal-istess Charter jiddisponi hekk:

*"The severity of the penalties must not be disproportionate to the criminal offence."*

Illi l-Qorti rat is-sentenza msemmija hawn fuq u li ġiet ikkwotata mill-appellanti u ċioè **Ute Reindl v. Bezirkshauptmannschaft Innsbruck** (Kawża C-443/13). Fil-*Press Release* Numru 150/14 jirriżulta hekk:

*"Poultry retailers may be penalised if they sell salmonella-contaminated fresh meat.*

*Fresh poultry meat must satisfy the microbiological criteria for salmonella at all stages of distribution, including the retail sale stage.*

*Ute Reindl is the manager of an Austrian branch of a supermarket (MPREIS Warenvertriebs GmbH). In 2012 a food safety body took a sample at that branch of vacuum packed fresh turkey breast processed and packaged by another company (MPREIS being involved only at the distribution stage). The sample was contaminated by salmonella and was therefore 'unfit for human consumption' for the purposes of EU law. The Austrian authorities brought proceedings against Ms Reindl for failure to comply with food safety rules and fined her. As Ms Reindl appealed against the fine to the Unabhängiger Verwaltungssenat in Tirol (Independent Administrative Chamber for the Land of Tyrol, Austria) which has asked the Court of Justice about the extent of liability of food business operators where they are active only at the distribution stage.*

*In today's judgment, the Court of Justice states that the* ***fresh poultry meat referred to by EU law must satisfy the microbiological criteria for salmonella at all the stages of distribution including the retail sale stage****. In that connection, the Court notes that the microbiological criterion applies to 'products placed on the market during their shelf life'. The concept of 'products placed on the market' refers to foodstuffs (such as the fresh poultry meat) which are held for the purpose of sale, distribution or other forms of transfer,*

*which thereby includes retail sale. Furthermore, failure to ensure compliance with microbiological criterion at all stages of distribution (including the retail sale stage) would amount to undermining one of the fundamental objectives of food safety legislation, that is, to attain a high level of protection of human health.*

*The Court of Justice states, moreover, that* ***food business operators which are active only at the distribution stage may be fined for having placed on the market a foodstuff which fails to comply with the microbiological criterion****. It is clear from EU law that the Member States must set penalties for infringements of food law, which are effective, proportionate and dissuasive. The Court considers that the system of fines put in place by Austrian law may help to attain the fundamental objective of food safety law (a high level of protection of human health). However, the referring court must ensure that that system satisfies the criterion of proportionality."* [is-sottolinear biss huwa ta' din il-Qorti]

Illi fis-sentenza proprja fl-ismijiet **Ute Reindl v. Bezirkshauptmannschaft Innsbruck** (Kawża C-443/13) li ġiet mogħtija fit-13 ta' Novembru 2014 u ġiet ċċitata aktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet hekk:

"41. Leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi multa fil-każ ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-ikel li ma jkunux tajbin għall-konsum uman, tista' tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan fundamentali tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti tal-ikel, jiġifieri livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif imfakkar fil-punt 28 ta' din is-sentenza.

42. Anki jekk jitqies li s-sistema ta' sanzjonijiet fil-kawża prinċipali hija sistema ta' responsabbilta' oġġettiva, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali sistema ma hijiex sproporzjonata meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija, meta din is-sistema tkun

tali li tħeġġeġ lill-persuni kkonċernati sabiex josservaw id-dispożizzjonijiet ta' regolament u meta l-għanijiet imfittxija jkollhom interess ġenerali li jista' jiġġustifika l-implementazzjoni ta' tali sistema (ara s-sentenza Urbán, EU:C:2012:64, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, fid-dawl ta' dawn l-elementi, jekk is-sanzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfax il-prinċipju ta' proporzjonalita' msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 178/2002.

44. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal preċedentement, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domandi għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-Regolamenti Nri 178/2002 u 2073/2005, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippreskludix, fil-prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissanzjona operatur fis-settur tal-ikel, li l-attivitajiet tiegħu huma biss fl-istadju tad-distribuzzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodott tal-ikel, minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-kriterju mikrobijoloġiku msemmi fir-Ringiela 1.28 tal-Kapitolu I tal-Anness I tar-Regolament Nru 2073/2005. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk is-sanzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfax il-prinċipju ta' proporzjonalità msemmi fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 178/2002."

Illi fl-aħħar tal-kwotazzjoni mill-kawża **Ute Reindl** li saret fir-Rikors tal-appell hemm indikata s-sentenza fl-ismijiet **Márton Urbán v. Vám- és Pénzügyőrség Észak-alföldi Regionális Parancsnoksága** (Kawża C-210/10). Din is-sentenza ġiet mogħtija fid-9 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-każ ingħad hekk:

"24. B'hekk, f'dan il-każ, il-miżuri repressivi permessi mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhomx jaqbżu l-limiti ta' dak li huwa

xieraq u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimament imfittxija minn din il-leġiżlazzjoni, filwaqt li huwa mifhum li, meta tkun teżisti għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel dik li hija l-inqas oneruża, u li l-iżvantaġġi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta pparagunati mal-għanijiet imfittxija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, ERG *et*, C-379/08 u C-380/08, Ġabra p. I-2007, punt 86).

25. Fil-kuntest tar-Regolamenti Nri 3821/85 u 561/2006, dawn l-għanijiet huma, min-naħa waħda, it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera li japplikaw għalihom dawn ir-regolamenti kif ukoll is-sigurtà fit-toroq b'mod ġenerali, u, min-naħa l-oħra, l-istabbiliment ta' regoli uniformi dwar it-tul ta' żmien tas-sewqan u dwar it-tul tal-mistrieħ tax-xufiera kif ukoll il-kontroll tagħhom.

26. Għal dan il-għan, ir-regolamenti msemmija jipprovdu numru ta' miżuri, b'mod partikolari regoli uniformi dwar it-tul ta' żmien tas-sewqan u t-tul tal-mistrieħ tax-xufiera kif ukoll il-kontroll tagħhom, li l-osservanza tagħhom għandha tiġi żgurata mill-Istati Membri bl-applikazzjoni ta' sistema ta' sanzjonijiet għal kull ksur tal-istess regolamenti.

27. Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandha tingħata risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda, kif irriformulati fil-punt 19 ta' din is-sentenza.

28. F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 20(4) tal-Liġi dwar it-trasport, jissanzjona permezz ta' multa bejn HUF 50 000 u HUF 800 000 lil kull min jikser id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nri 3821/85 u 561/2006. Għandu jiġi ppreċiżat ukoll li din id-dispożizzjoni tagħti lill-awtoritajiet kompetenti s-setgħa li jiffissaw l-ammont tal-multa skont in-natura u l-gravità tal-ksur.

29. Madankollu, id-Digriet Governattiv Nru 57/2007 jistabbilixxi, fl-Artikolu 5(1) tiegħu, multa f'ammont b'rata fissa ta' HUF 100 000 għal kull ksur tad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-formoli ta' reġistrazzjoni stabbilit fl-Artikoli 13 sa 16 tar-Regolament Nru 3821/85, mingħajr ma jipprovdi distinzjoni bejn in-natura u l-gravità tad-diversi ċirkustanzi ta' ksur inkwistjoni.

30. B'hekk, għalkemm sistema bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tidher li hija xierqa sabiex tilħaq l-għanijiet imsemmija fir-Regolamenti Nri 3821/85 u 561/2006, għandu madankollu jiġi kkonstatat li dan jaqbeż il-limiti ta' dak li huwa neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimament imfittxija minn dawn ir-regolamenti.

31. Ċertament, mill-Artikolu 15(5) tar-Regolament Nru 3821/85 jirriżulta li x-xufier ta' vettura bil-mutur huwa marbut li jniżżel fuq il-formola ta' reġistrazzjoni l-qari tat-takigrafu "fit-tmiem ta' l-aħħar vjaġġ reġistrat fuq il-formola".

32. Madankollu, b'mod kuntrarju għal dak li osservat l-Ungerija, din l-ommissjoni għandha titqies li hija ksur minuri.

33. Fil-fatt, hekk kif ġustament osservat il-Kummissjoni, mhux il-ksur kollu tar-Regolamenti Nri 3821/85 u 561/2006 huwa tal-istess livell ta' gravità. Il-ksur li jista' jipprekludi l-kontroll effettiv tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera u tal-osservanza tas-sigurtà fit-toroq ma jistax jiġi organizzat fl-istess kategorija bħall-ksur minuri li, minkejja li jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti inkwistjoni, madankollu ma jostakolax li tiġi kkontrollata l-osservanza tal-obbligi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni.

34. F'dan ir-rigward, kif osservat ukoll il-Kummissjoni, il-ksur tal-Artikolu 15(7) tar-Regolament Nru 3821/85, liema dispożizzjoni tipprovdi li "[k]ull meta mitlub minn uffiċjal ta' spezzjoni awtorizzat biex jagħmel dan, is-sewwieq irid ikun kapaċi juri l-formoli ta' reġistrazzjoni għall-ġimgħa kurrenti, u f'kull każ għall-aħħar jum tal-ġimgħa ta' qabel meta jkun saq", jikkostitwixxi ksur iktar gravi mill-ksur tal-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament, li jgħid li x-xufiera huma marbuta li ma jużawx formoli ta' reġistrazzjoni li jkunu maħmuġin jew li tkun ġratilhom il-ħsara u li jipproteġuhom adegwatament.

35. Bl-istess mod, għandu jiġi kkonstatat li l-ommissjoni, min-naħa ta' xufier, li jniżżel fuq il-formola ta' reġistrazzjoni il-qari tat-takigrafu meta jintemm l-aħħar vjaġġ, għandu impatt minimu, jekk għandu, fuq is-sigurtà fit-toroq fid-dawl tal-obbligi l-oħra elenkati f'dan l-istess Artikolu 15.

36. Din il-konstatazzjoni hija kkonfermata mill-fatt li l-Kummissjoni, li tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2006/22, adottat id-Direttiva 2009/5/KE, tat-30 ta' Jannar 2009, li temenda l-Anness III tad-Direttiva 2006/22 (ĠU L 29, p. 45), li tikkontjeni linji gwida fuq livell Komunitarju fir-rigward tal-ksur tar-Regolamenti Nri 3821/85 u 561/2006 ikklassifikat f'kategoriji differenti skont il-gravità tiegħu.

37. Għalkemm huwa minnu li l-ħsieb ta' qsim f'livelli tad-diversi ċirkustanzi ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nri 3821/85 u 561/2006 ġie ppreċiżat biss sussegwentement, bid-Direttivi 2006/22 u 2009/5, li minħabba dan il-fatt ma japplikawx għall-kawża prinċipali, madankollu għandu jiġi kkonstatat li dan il-ħsieb kien diġà jirriżulta għall-inqas mir-Regolament Nru 561/2006. Fil-fatt, fir-rigward tas-sanzjonijiet, is-sitta u għoxrin premessa tiegħu kienet issemmi "medda komuni ta' miżuri miftuħa għall-Istati Membri"."

Illi għandu jingħad li l-fatti taż-żewġ kawżi hawn fuq imsemmija m'għandhomx x'jaqsmu mal-fatti tal-każ odjern. F'paragrafu 32 tal-każ **Urban** jingħad ċar li dak kien każ ta' "ksur minuri". Apparti minn dan, il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għall-*Press Release* Numru 150/14 tal-kawża **Ute Reindl** (Kawża C-443/13) imsemmija aktar 'il fuq fejn ingħad hekk: "*It is clear from EU law that the Member States must set penalties for infringements of food law, which are effective, proportionate and dissuasive*."

Illi dak li jidher sottolineat hija diċitura li tidher fid-direttivi li jkollhom xi element ta' ħolqien ta' reati. Il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37), l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kapitolu 406) u l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382) b'xi mod imorru kontra dan il-prinċipju. Huwa minnu li l-multi jitilgħu imma din il-miżura hija meħtieġa sabiex l-erarju ma jitlifx mid-dħul tiegħu. Wara kollox terz mill-multa huwa ekwivalenti għal dik it-taxxa li kellha titħallas u l-multa trid tkun imposta fuq kull wieħed li kiser il-liġi u mhux tinqasam. In fatti, il-multi ma jinqasmux imma jkunu imposti *in toto* fuq kull persuna li tkun kisret il-liġi.

Illi fir-rigward tat-terz tal-multa li d-Dipartiment tad-Dwana huwa ntitolat li jirċievi għandu jingħad li ma jirriżultax li ser ikun hemm l-arrikament għad-Dipartment imsemmi kif jisħqu l-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħhom u dana *stante* li din it-terza parti xorta tibqa' parti mill-multa u d-Dipartiment għandu dritt li jiġborha.

**Ikkunsidrat**

Illi b'hekk, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravji mressqa fir-Rikors tal-appell tal-appellanti, il-Qorti tinnota li għandhom jiġu miċħuda l-aggravji kollha mressqa mill-appellanti għajr għall-ewwel aggravju u ċioè dak dwar li ma kellhomx jittieħdu in konsiderazzjoni l-istqarrijiet tagħhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Vincent Xuereb u Noel Vella u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**